**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Dicembru 2016

Rikors Kongunt Nru : 260/16 AL

**AB**
u
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie kkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi r-rikorrenti zzewgu nhar is-16 ta' April 2004, gewwa r-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt, Valletta, skond kif jidher mill-kopja ta' l-estratt mill-Att taz-Zwieg relattiv bin-Numru 337/2004, illi qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**.

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet ma twieldu l-ebda tfal.

Illi l-partijiet, filwaqt illi ilhom separati *de facto* sa mill-1 ta' Jannar 2007, ikkonkludew bejniethom kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-20 ta' Mejju 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi, illi kopja awtentikata tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. B**, li minnu ghandu jirrizulta wkoll li

l-partijiet ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn erba' snin skond kif mehtieg mill-Ligi.

Illi llum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom issa ghal diversi snin twal tant illi ghandhom ulied li twieldu minn relazzjonijiet sussegwenti li jinsabu fihom il-partijiet ma' terzi persuni, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ai termini tal-kuntratt li jirregola s-separazzjoni personali bejn il-partijiet [**Dok. B**], ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet, illi kienu irrinunzjaw irrevokabbilment u reciprokalment ghal dan id-dritt fil-konfront ta' xulxin.

Illi mill-fuq premess isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet gewwa l-Belt Valletta nhar is-16 ta' April 2004, ai termini ta' l-**Artikolu 66C *et seq.*** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta;** u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-**Artikolu 66A(4)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju,  2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-1 ta' Jannar, 2007 u legalment separati mill-20 ta' Mejju, 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.